# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' 7 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 127/2023**

**ELMO INSURANCE LTD**
**(C-3500)**
*VERSUS*

**KURT GRECH**
**(KI 0433988M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fit-30 ta' Marzu 2023 (Fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lil dan it-Trubunal jikkundanna lilll-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erbgha mija tnejn u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur 452.20) liema somma tirraprezenta sborsament ta' danni lil Argus Insurance Company (Europe) Limited u dan wara incident awtomobilistiku li sehh fis-27 t'April 2021 fil-Marsa, filwaqt illi l-intimat ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni. Bl-Ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali u bl-imghaxijiet.

Ra illi s-socejta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fil-21 ta' Lulju 2023 (Fol. 15), pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern datata 29 t'Awwissu 2023 (FOl. 14) u pubblikazzjoni f'zewg gazzetti lokali datata 19 t'Ottubru 2023 (Fol.18) u 25 t'Ottubru 2023 (Fol.20) rispettivament.

Ra illi minkejja illi l-konvenut gie notifikat, huwa baqa ma ressaqx risposta fit-terminu moghti bil-ligi u lanqas deher ghas-seduta tat-30 ta' Novembru 2023 wu lanqas deher xi rapprezentant ghalih sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Ra illi fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet procedurali, it-Tribunal iddikjara illi l-konvenut kien kontumaci.

Ra l-kapitolu ipprezentat mis-socjeta attrici (Fol.23).

Sema x-xhieda ta' George Stagno Navarra.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta attrici ressqet lir-rapprezenant taghha George Stagno Navara sabiex jixhed dwar l-ammont mitlub mill-konvenut u r-raguni ghaliex dan qed jintalab. Ix-xhud ipprezenta wkoll diversi dokumenti sabiex jissostanzja dak li kien qed jixhed fuqu.

Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici jghidi illi l-konvenut kien assikurat maghhom u kellu vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAT-653 li kienet involuta' f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra assikurata ma' Argus Insurance Company (Europe) Limited. Meta s-socjeta attrici talbet lill-konvenut qua assikurat taghha sabiex imur jaghti l-verzjoni ta' l-incident, dan naqas li jmur, anke wara diversi interpellazzjonijiet bil-miktub. Is-socjeta attrici ma kelliex triq ohra hlief li thallas l-ammont mitlub minn l-assikurazzjoni Argus u dan il-hlas kien jammonta ghal Eur 452.20.

Ix-xhud ighid ukoll illi kien irrizulta illi l-konvenut qatt ma pprezenta licenzja tas-sewqan valida u allura din twassal ghal ksur tal-polza, ghaliex, "*unless he comes to make the claim and present his driving licence allura ma jkunx hemm kopertura*." (Fol.24B).

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat baqa ma ressaqx rispsota fiz-zmien moghti mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti sabiex issehh kontestazzjoni ghal pretiza attrici.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-

kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Illi tenut kont illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi mill-provi u dokumenti prodotti t-Tribunal jista jasal ghal konkluzjoni illi s-socjeta attrici hallset l-ammont ta' Eur 452.20 ghan-nom tal-konvenut b'rizultat ta' incident awtomobilistiku u li l-konvenut baqa qatt ma tkellem jew avvicina lis-socjeta attrici. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti pprezentati illi kemm-il darba assikurat ma jipprezentax kopja tal-licenzja tas-sewqan tieghu, dan ikun qed jikser il-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal sejjer jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbgha mija tnejn u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur 452.20) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-26 t'Awwissu 2022 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk ta' l-itra ufficjali 1969/22 ghandhom jjithallsu mill-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur